MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 418/2000/1

**Rose Zammit u b'digriet tas-17 ta' Settembru 2004 il-Qorti ordnat li l-gudizzju jghaddi fil-persuna ta' Elizabeth Galea wara l-mewt ta' ommha l-attrici fil-mori tal-kawza.**

**vs**

**1. Is-socjeta` Maltacom plc**
**2. Il-Korporazzjoni EneMalta**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 6 ta' Marzu 2000 fejn esponiet: -

Illi l-attrici tirrisjedi fil-fond, ‘Dar il-Lewza’, Naxxar Road, Lija;

Illi mal-faccata tal-imsemmija residenza tal-attrici hemm maqbudin u/jew imwahhlin *‘cables’, ‘wires’* u strutturi ohra li jappartjenu lill-konvenuti jew min minnhom, jew li ghalihom il-konvenuti huma responsabbli, li qed jikkawzaw hsara strutturali fl-istess fond residenzjali tal-attrici *(vide* r-ritratt anness u markat Dok RZ), kif inhu deskritt ahjar u konfermat fic-certifikati mahruga mill-Perit Arkitett F. E. Montesin u anke` mill-Perit Arkitett Edgar Caruana Montaldo *(vide* d-dokumenti annessi u markati ‘RZ 1’ u ‘RZ 2’ rispettivament);

Illi l-imsemmija hsara qed tikkreja perikolu kemm lill-attrici kif ukoll lill-pubbliku in generali;

Illi ghalkemm l-konvenuti gew debitament interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata sbatax (17) ta’ Jannar tas-sena elfejn (2000) sabiex jaghmlu x-xoghlijiet necessarji biex tissewwa l-hsara u, fin-nuqqas, jaghtu kumpens xieraq, il-konvenuta korporazzjoni EneMalta xorta baqghet inadempjenti fil-waqt li s-socjeta` konvenuta Maltacom plc irrispingiet, permezz tal-ittra ufficjali taghha fid-disgha (9) ta’ Frar tas-sena elfejn (2000), il-pretenzjonijiet attrici sempliciment billi allegat li huma nfondati;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex din il-Onorabbli Qorti m’ ghandiex:-

1. Tiddeciedi u tiddikjara li l-‘*cables’, ‘wires’* u strutturi ohra li jappartjenu lill-konvenuti jew min minnhom, jew li ghalihom il-konvenuti huma responsabbli, maqbudin u/jew imwahhlin mal-faccata tal-fond residenzjali tal-attrici, qed jikkawzaw hsara strutturali fl-istess fond tal-attrici.

2. Tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti jew minn minnhom huma responsabbli ghall-imsemmija hsara.

3. Tordna li, fi zmien qasir u perentorju, il-konvenuti jew min minnhom (a) jaghmlu dawk ix-xoghlijiet necessarji u opportuni sabiex tigi rimedjata l-imsemmija hsara fil-fond

residenzjali tal-attrici u (b) jiehdu dawk il-prekawzjonijiet necessarji sabiex hsara ma tkomplix issehh fil-futur, u dan taht direzzjoni ta' perit nominat minn din il-Qorti, li ghandu japprova l-istess xoghlijiet meta jkunu lesti.

4. Tiddeciedi li, fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jonqsu li jaghmlu dak ordnat lilhom skont it-talba precedenti, l-attrici tkun awtorizzata taghmel hi x-xoghlijiet necessarji, taht id-direzzjoni tal-istess perit nominat minn din il-Qorti, bl-ispejjez relattivi a karigu tal-istess konvenuti jew min minnhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-sbattax (17) ta' Jannar, tas-sena elfejn (2000) kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tat-3 ta' Mejju 2000.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Maltacom p.l.c. datata 27 ta' Marzu 2000 (fol 21) fejn esponiet: -

1. Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, *stante* li llum il-mertu tal-azzjoni attrici huwa ezawrit.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-kumpanija bl-ebda mod ma hi responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta Enemalta datata 28 ta' Marzu 2000 (fol 25) fejn esponiet: -

1. Illi l-azzjoni attrici hija kompletament infondata sew fil-fatt u kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-attrici, *stante* li llum il-mertu tal-azzjoni attrici huwa ezawrit.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit il-Korporazzjoni bl-ebda mod ma hi responsabbli ghad-danni allegatament sofferti mill-istess attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici Rose Zammit datata 3 ta’ Marzu 2004 a fol 140 tal-process.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-Korporazzjoni konvenuta Enemalta datata 31 ta’ Mejju 2004 a fol 153 tal-process.

Rat ir-rikros ta’ Elizabeth Galea nee` Zammit (I.D. No. 344650M) datat 15 ta’ Settembru 2004 a fol 172 tal-process fejn talbet lill-Qorti illi *in vista* tal-mewt ta’ Rose Zammit tawtorizza l-legittimazzjoni tal-atti tal-kawza a favur l-esponenti u cioe` Elizabeth Galea nee` Zammit; u l-Qorti kif diversament presjeduta laqghet it-talba u ordnat li l-gudizzju jghaddi fil-persuna ta’ Elizabeth Galea wara l-mewt ta’ omma l-attrici fil-mori tal-kawza, u dan kif jidher bid-digriet moghti fis-17 ta’ Settembru 2004 a fol 174 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Ottubru 2004 (fol 175) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Mario Caruana fisser lill-Qorti r-raguni ghaliex il-kumpanija klijenta tieghu ma ressqitx nota ta’ sottomissjonijiet u tenna l-estranjeta` tal-klijenti tieghu ghar-responsabbilta` dwar danni reklamati mill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-17 ta’ Frar 2005; u l-verbali tas-seduti kollha nkluza tas-27 ta’ Settembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Jannar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-sentenza tal-31 ta’ Jannar 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn il-kawza giet differita ghat-30 ta’ Mejju 2013 ghall-istess skop tal- verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza ghad-danni ikkagunati fil-fond, proprjeta` tal-attrici, bl-isem "*Dar il-Lewza",* fi Triq in-Naxxar, Hal-Lija, minhabba *wires* u *cables* li twahhlu mill-konvenuti mal-faccata tad-dar taghha b'mod li saru hsarat strutturali fil-fond. *Inoltre* l-attrici tilmenta li minhabba fihom, ma tistax taghmel ix-xoghlijiet ta' manutenzjoni necessarji.

Is-socjeta' Maltacom p.l.c. kif ukoll il-Korporazzjoni Enemalta rrespingew dawn l-allegazzjonijiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ddikjaraw li fil-mori, il-haddiema taghhom kienu ghamlu xoghliijiet fil-fond sabiex l-ilment imressaq mill-attrici gie indirizzat a soddisfazzjon pjena taghha.

**Rose Zammit**, l-attrici, **fl-affidavit** taghha[1], qalet li gie verifikat mill-Perit taghha F. Montesin, li l-*cables* u *wires* mqabbdin mal-faccata tad-dar taghha huma tal-Maltacom p.l.c. u tal-Enemalta Corporation. Dawn qed jaghmlu hsara fir-residenza taghha fil-faccata, fil-kmamar ta' fuq, u fuq il-bejt. Kien wara li fethet dawn il-proceduri li gew il-haddiema taz-zewg entitajiet u parzjalment irrisolvew il-problemi taghha peress li nehhew xi *wires* u *cables.* Izda hallew il-bqija, u lanqas irriparaw il-hsarat li kienu gja ikkagunati. *Inoltre,* inghatat parir mill-perit li ma setghetx taghmel tapit tal-*membrane* fuq il-bejt taghha, kif xtaqet, diment li l-*cables* jibqghu jaffettwaw il-faccat tad-dar taghha.

Hi xehdet li kagun tal-*wires u cables,* soffriet hsara fil-kmamar ta' fuq ghax hargu xquq (*cracks)*, inqasam il-kontra-bejt biex b'hekk l-ilma qed jippenetra minn gos-saqaf ghal god-dar.

**Rapport tal-Perit Tekniku Noel Debattista A. & C.E.**

---

[1] esebit *a fol.*43 *et.seq.* tal-process.

Fil-kors tal-proceduri, din il-Qorti kif diversament presjeduta, inkarigat lill-Perit A.& C.E. Noel Debattista biex jirrelata dwar il-fondatezza tat-talbiet attrici. Hu pprezenta r-rapport tieghu[2] fejn ikkonstata li hemm *wires* u *cables* imwahhlin mal-fond li jappartjenu liz-zewg konvenuti u osserva fost ohrajn li:

- L-Enemalta iwahhlu l-*brackets* fil-fil wieqaf u dan izid ic-caqliq tal-hitan.
-Wires tal-Maltacom huma maqtughin (tliet *cables* - tnejn ta' 24mm u wiehed ta' 16mm) pero' thallew mal-hajt. Hemm *cable* iehor ta' 20mm go kaxxa zghira.
-Sab li hemm 3 *wires* vertikali antiki tal-kanvas, u zewg *brackets* li fuqhom ghaddejin 6 *wires* ohra lejn ix-xellug u 6 lejn il-lemin, li mhumiex l-istess jew maqghudin - kollha tal-Enemalta.

Dwar hsara fil-bini sab li:

- "mhiex ta ' periklu ghall-bini, pero' "*jizdied maz-zmien;"*
-*"L-aktar li qed taghmel hsara hija li z-zewg brackets tal-Enemalta mhumiex marbutin bejniethom b''tie wire'. B'hekk il-gibda tas-sitt wires jigu kontra xulxin u joqtlu hafna mill-gibda;"*
-*"Dawn il-wires kollha qed jaghmluha difficli biex bajjad jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fuq il-faccata".*

Ghalhekk ikkonkluda li idejalment jitnehhew il-*cables* kollha u kull tip ta' metodu ta' rbit bhala 'bolts' ecc. izda, fin- nuqqas "*ghandhom jitnehhew il-cables u wires li ma hemmx bzonn (bhal dawk maqtughin) u boltijiet zejda, jitnaqqas il-gibda taghhom, billi jittawlu xi ftit ('cables' tal-Enemalta fuq ix-xellug thares lejn il-binja), jittiehdu prekawzjonijiet li jaghmluha facli ghax-xoghol ta' manutenzjoni (bhal qtugh temporanju tal-elettriku jew jipprovdu protezzjoni tar-rubber ghal madwar il-cables li ikunu 'live')."*

[2] Rapport esebit a *fol.*76 *et.seq.*tal-process.

F'rapport addizzjonali tieghu,[3] sab li ma kienx hemm hsarat godda izda peress li hafna mill-*cables "tnehhew u jidhru aktar cari l-hsarat li kienu gew ikkawzati, biex jitnaqqas il-possibbilta' ta' iktar hsara jista' jigi ntrodott arblu fuq il-faccata tad-dar biex il-cables ta' 18m jigu mghejjuna fit-toqol u gbid taghhom."*

L-attrici esebiet affidavit tal-perit F. Montesin[4] minnha inkarigat, li jghid li lahqet saret hsara fil-faccata minhabba *tension* jew gibda fil-*wires.* Din il-konstatazzjoni taqbel ma' dak li sab il-perit tekniku mqabbad mill-Qorti li, fit-tieni rapport tieghu, wara li kien gja ikkonstata li kien hemm xi hsara fil-bini fl-ewwel rapport, fir-rapport addizzjonali, sab li wara li tnehhew xi *cables* il-hsarat jidhru aktar cari. *Inoltre,* skont il-Perit tal-attrici, minhabba l-bqija tal-*wires* li fadal, anke wara li tnehhew uhud minnhom, xoghol ta' manutenzjoni xorta ma jistax isir ghar-ragunijiet li jispjega. Hu jghid ukoll li jenhtieg li tinhatt parti mill-faccata biex dawk il-knaten li sporgew minhabba l-gibda, skont kif jidher minn ritratti esebiti mill-attrici (fol 106-109 tal-process) jergghu jitqeghdu f'posthom u jsir it-tikhil necessarju.

Dawn il-konsiderazzjonijet mhumiex in kontrast mar-rapport tal-Espert Tekniku li, fir-rapport addizzjonali tieghu, osserva li wara li tnehhew xi *cables* il-hsarat jidhru aktar cari. Il-Perit tekniku, pero' ma dahalx fil-kwistjoni tax-xoghlijiet bzonnjuzi sabiex jigu rimedjati hsarat ezistenti fil-faccata tad-dar tal-attrici izda illimita r-rapport tieghu sabiex jissuggerixxi l-introduzzjoni ta' arblu indipendenti mill-faccata.

**David Zerafa,** Principal Technical Officer mal-Korporazzjoni Enemalta, xehed[5] billi afferma li kien hemm qbil bejn il-perit taghhom, il-Perit Busuttil, u dak inkarigat mill-attrici li jittella' arblu biex jerfa' t-tensjoni tal-*cables* li kienu qeghdin jaqsmu t-triq tan-Naxxar min-naha ghall-ohra. Izda hu ssuggerixxa li dawn il-*cables*, minnflok,

[3] Esebit *a fol.* 113 tal-process
[4] Fol. 111 tal-process.
[5] Xhieda *a fol.* 135 tal-process.

jitnehhew kompletament u hekk sar. Madanakollu ghad jezistu *cables* li jaqsmu it-Triq Louis Mizzi.

B'verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta tas-27 ta' Jannar 2004, id-difensur tal-Maltacom p.l.c. iddikjara, fil-prezenza tad-difensuri tal-partijiet l-ohra li ufficjali teknici tal-Korporazzjoni jdentifikaw il-fili telefonici li kienu imwahhla mal-faccata tar-residenza tal-attrici u dawn tnehhew ghal kollox. B'hekk ma kien fadal l-ebda fili telefonici mwahhlin. Din l-istqarrija saret unilateralment u ma jirrizulta ebda konferma *in atti* da parti tal-attrici jew tal-Korporazzjoni Enemalta izda din il-Qorti m'ghandhiex raguni biex tiddubita minnha.

Il-Korporazzjoni Enemalta baqghet issostni li ma hemmx prova li l-*wires* u *cables* jappartjenu lilha u lanqas tressqet prova dwar hsarat allegatament ikkagunati.

Dan hu kontradett mill-espert tal-Qorti li jdentifika li hemm *wires* li jappartjenu liz-zewg konvenuti. *Inoltre* kkonkluda, *inter alia,* li huma dawn l-*Enemalta* t l-aktar li qed jaghmlu hsara. Fis-suggerimenti tieghu qal ukoll li kellhom anke "*jittawlu xi ftit 'cables' tal-Enemalta fuq ix-xellug thares lejn il-binja"* biex jitnaqqas il-gibda taghhom (fuq il-hajt) u "*jittiehdu prekawzjonijiet li jaghmluha facli ghax-xoghol ta' manutenzjoni (bhal qtugh temporanju tal-elettriku jew jipprovdu protezzjoni tar-rubber ghal madwar il-cables li jkunu 'live')."*

Rigward il-hsarat, l-Enemalta ssottomettiet li l-attrici ma pprovatx ir-responsabbilta` tal-Korporazzjoni ghall-hsarat skont il-ligi. L-espert tal-Qorti sab li kien hemm hsarat u li jistghu jizdiedu. Ghamel riferenza ghar-ritratti esebiti meta xehed *viva* voce[6] fejn qal li *"Hsara fil-bini hemm, pero` mhux hsara li se jwaqqa' xi kmamar jew xi hitan jew soqfa*."

*Inoltre* jirrizulta mix-xhieda ta' David Zerafa li ghad hemm *wires* tal-Enemalta li jghaddu minn faccata tat-triq Louis Mizzi ghall-ohra. Qal li dawk li qasmu Triq Naxxar

[6] Fis-seduta tal-22 ta' Frar 2002.

tnehhew, ghalkemm data preciza ma tirrizultax mill-*file* tieghu. Madanakollu jekk tnehhew, dan sehh wara li bdiet il-kawza.

Jirrizulta mix-xhieda tal-perit Montesin fl-affidavit tieghu,[7] li l-*wires* tal-Enemalta qed jikkagunaw hsara. Dan ix-xhud ma tressaqx in kontro-ezami u din il-Qorti m'ghandha ebda raguni biex tiddubita mill-integrita' professjonali tieghu specjalment meta dak li qal hu sostanzjalment ikkorroborat mir-rapport tal-Perit Tekniku. Taghmel ukoll riferenza ghall-ittra esebita mill-attrici *a fol.* 8 tal-process, fejn il-Perit Edgar Caruana Montalto jiccertifika li sab li kien hemm "*cracks to the facade of the building at the roof of the second floor and at the opramorta level...one can see that the water is penetrating through the cracks of the exterior of the building and is causing damage to the walls and ceiling of the building...The cause of all of the above mentioned damage to the building is not from the 'roll bolts' that are supporting the' cables' of the Melita Cable Television but the damage is due to the bracket that is supporting the Electricity Cables of Enemalta."* Huwa minnu li l-Perit Caruana Montalto ma giex prodott biex jixhed bil-gurament, izda l-fatt li l-periti kollha msemmija f'din il-kawza ssuggerew li jsir arblu maqtugh mill-faccata tad-dar tal-attrici bhala soluzzjoni u biex jigu evitati hsarat ulterjuri ma jhallu b'hekk ebda dubju li l-hsara qed tigi ikkagunata proprju minn dawn il-*wires* u *cables* tas-socjeta Enemalta, altrimenti ma kienx ikun hemm bzonn li jsir dan l-arblu.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Ikkonsidrat li *ai termini* tal-Artikolu 1031 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kulhadd ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu u persuna hija kkunsidrata li ghandha htija jekk ma tuzax id-diligenza, prudenza u l-attenzjoni ta’ *bonus pater familias* stabbilit bl-Artikolu 1032.

Fil-kaz odjern, kemm il-Korporazzjoni Enemalta kif ukoll Maltacom p.l.c. ghandhom juzaw dak il-grad ta' attenzjoni rikjest mil-ligi meta jidhlu jew imissu hwejjeg haddiehor u

[7] Esebit *a fol.* 111 tal-process.

hija r-responsabbilita' taghhom li jassiguraw li ma jaghmlux hsara, u, fejn din issehh, jirreparaw il-hsarat.

Iz-zewg konvenuti jghidu li l-mertu tal-kawza hija ezawrita peress li tnehhew il-*cables* u *wires* fil-mori tal-proceduri. Huwa minnu li jirrizulta li tnehhew cables u wires, imma mhux kollha, kif ikkonstata l-Espert tekniku stess, u sahansitra sab li ghad hemm gibda fuq il-hitan ikkagunata mill-*wires* u *cables*.

Apparti dan, jirrizulta li tnehhew xi *wires u cables* wara li infethu dawn il-proceduri u meta diga` sehhet il-hsara u ghalhekk il-konvenuti xorta ghandhom iwiegbu ghall-hsara li setghu kkagunaw *oltre* ghall-kap tal-ispejjez.

Dawn il-hsarat jidhru cari mir-ritratti esebiti in atti. L-Espert tekniku partikolarment identifika lill-Enemalta bhala li qed tikkaguna hsara fl-ewwel rapport tieghu, u qal ukoll li l-fatt li l-Enemalta twahhal il-*brackets* fil-fil izzid ic-caqliq fil-hitan.

**Ikkonsidrat** li fid-dawl tax-xhieda moghtija, inkluz is-suggeriment tal-Perit Carmelo Busuttil li kien imqabbad mill-Korporazzjoni Enemalta, skont minuta li xehed fuqha **David Zerafa,** ma hemm ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taddotta l-kostatazzjonijiet u s-suggeriment tal-Perit Tekniku Noel Debattista, li, fir-rapport addizzjonali, qal li "*jista' jigi ntrodott arblu fuq il-faccata tad-dar biex il-cables ta' 18m jigu mghejjuna fit-toqol u gbid taghhom."* L-Espert qal li l-hsarat jistghu jikbru maz-zmien u kkonstata wkoll li l- *cables* u l-*wires* jaghmluha difficli sabiex isir xoghol ta' manutenzjoni, u fil-kaz ta' *live wires*, sahansitra perikoluz. Huwa minnu li l-perit Carmelo Busuttil ghall-Enemalta, kien qed jindirizza *cables* li kienu qed jaqsmu Naxxar Road, li skont David Zerafa, tnehhew, izda jirrizulta mhux ikkontestat li hemm *cables u wires* ohra li qed jaqsmu triq Louis Mizzi, peress li d-dar hija f'kantuniera u dawn ghall-istess ragunijiet, jikkagunaw gibda fuq il-hajt bla bzonn.

Illi din il-Qorti mhiex tal-fehma li ghandha tezonera lill-Maltacom plc ghal kollox mir-responsabbilta` ghall-hsarat.

Jirrizulta li l-*cables* tal-Enemalta kienu primarjament responsabbli ghall-gibda u tensjoni li wasslet ghac-caqliq ta' xi knaten fid-dar, izda tikkonsidra li Maltacom plc ikkontribwiet ghal dan meta kompliet twahhal il-*cables* u *wires* taghha wkoll.

Ghal dawn il-motivi ser taddotta s-suggeriment tal-Perit Noel Debattista u tordna li jitnehhew il-*wires u cables* kollha mill-hajt tad-dar tal-attrici u minnflok jigi erett, a spejjez tal-Enemalta *arblu fuq il-faccata tad-dar biex il-cables u wires prezenti u futuri jitwahhlu ma' arblu.* Jekk dan jigi erett fi Triq Naxxar jew f'*service road* hija fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u **tilqa'** it-talbiet attrici billi:-

1. Taqta' u tiddeciedi li l-konvenuti, Maltacom p.l.c. u l-Korporazzjoni Enemalta, huma responsabbli ghad-danni u hsarat strutturali kkagunati fuq il-fond *Dar il-Lewza, f'Naxxar Road Hal-Lija* limitatament ghall-xquq (*cracks)* fil-faccata fejn kien hemm il-gibda tal-*wires u cables*; u

2. **Taqta' u tiddeciedi** li l-konvenuti huma responsabbli ghall-tali hsarat, kwantu ghall-Maltacom plc fi kwota ta' 1/3 u kwantu ghall-Korporazzjoni Enemalta fi kwota ta' 2/3; u

3. **Tordna lill-konvenuti** sabiex fi zmien perentorju ta' xaharejn mill-prezenti, a) Isiru x-xoghlijiet necessarji fil-faccata tal-fond mertu ta' din il-kawza sabiex jigu rimedjati x-xquq li gew ikkagunati mill-gibda tal-*wires u cables*, u dan a spejjez taz-zewg konvenuti apporzjonati skont kif inhu apporzjonat ir-responsabbilta' bejniethom; u b) Il-konvenuti ghandhom inehhu *a* spejjez taghhom, il-*wires u cables* rispettivi taghhom li ghad hemm imwahhlin mal-faccata tad-dar imsemmija, liema dar taghti ghal fuq zewg toroq, u fl-istess perjodu jigi erett arblu mill-Enemalta Corporation sabiex il-*cables* u *wires* li ghad ikun hemm bzonn jitwahhlu mieghu, u dan a spejjez tal-Korporazzjoni Enemalta ; u dan kollu taht is-supervizjoni tal-**Perit Alan Saliba** li qed jigi hawn nominat ghal dan l-iskop a spejjez taz-zewg konvenuti skont kif inhu apporzjonat ir-responsabbilita' bejniethom. Il-Perit ghandu japprova x-xoghlijiet mat-terminazzjoni taghhom b'nota pprezentata fl-atti ta' din il-kawza; u

**4.** Fin-nuqqas li jsiru x-xoghlijiet kollha hekk ordnati fiz-zmien perentorju moghti, **tawtorizza** lill-attrici sabiex taghmel hi x-xoghlijiet necessarji hekk ordnati, a spejjez tal-konvenuti kif apporzjonati f'din is-sentenza, taht id-direzzjoni tal-imsemmi Perit Alan Saliba.

L-ispejjez kollha nkluzi tal-Perit nominand **Alan Saliba** jithallsu kwantu ghal 2/3 mill-Korporazzjoni Enemalta u kwantu ghal 1/3 minn Maltacom p.l.c.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------